# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 21 ta' Mejju, 2001**

**Numru**

**Avviz numru: 216/01mm**

**Ray Demicoli AIC**

**vs**

**Nicholsons the Supermarket Ltd.**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba ta' l-atturi ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' erba' mija u hamsa u ghoxrin liri Maltin u hamsa u

erbghin centezmu (Lm425.45) rapprezentanti xoghol ta' kostruzzjoni u dan skond istruzzjonijiet tas-socjeta' konvenuta.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali sal-jum tal-hlas effettiv, kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet ta' l-atturi sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx, la fil-15 ta' Mejju, 2001, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.